**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1429/2023**

**KONRAD GRECH (KI 59773M)**
**GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAD-DITTA**
**KPMG**

**VS**

**RED FALCON TECH LIMITED (C89107)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnax (12) ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas mis-soċjeta' konvenuta lid-ditta KPMG fis-somma ta' sitta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€26,446.75), rappreżentanti bilanċ mhux imħallas minn prezz għal servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta mid-ditta attriċi;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru 2023 ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>Konrad Grech noe</u>** ippremetta:

   a. *Illi s-soċjeta' konvenuta intimata għandha tħallas lil KPMG debitament rappresentata minn Konrad Grech (KI 59773M) is-somma ta' sitta u għoxrin elf, erba' mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Ewro 26,446.75), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta, kif jidher mill-istatement tad-ditta attriċi, hawn anness bħala dok "A";*

   b. *Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u għalkemm interpellata, anke uffiċjalment, is-soċjeta' konvenuta intimata baqgħet inadempjenti;*

   c. *Illi fil-fehma ta' Konrad Grech għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta rikorrenti KPMG, is-soċjeta' konvenuta intimata m'għandhiex eċċezzjoni valida x'tagħti kontra din l-azzjoni u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex it-talbiet tad-ditta attriċi jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);*

3. Għaldaqstant, id-ditta attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

   ii. *Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta intimata tħallas lid-ditta KPMG rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' sitta u għoxrin elf, erba' mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Ewro 26,466.75), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz għas-servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta mill-istess ditta attriċi;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ntavolat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali minn meta ġie reż is-servizz, kif jirriżulta mill-istatement anness, kontra s-soċjeta' konvenuta intimata.*

4. Waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2024, il-Qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-Avukat difensur tas-soċjeta' konvenuta, dehrilha illi s-soċjeta' konvenuta għandha difiża x'tagħmel għat-talbiet attriċi, u kkonċediet terminu ta' għoxrin jum sabiex fih tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata;

5. Madanakollu, waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024, din il-Qorti ġiet informata illi s-soċjeta' intimata ma kinitx daħħlet risposta in vista ta' diffikultajiet finanzjarji, u li l-istess soċjeta' intimata kienet għaddejja minn proċedura ta' stralċ. Din il-Qorti għalhekk iddikjarat lis-soċjeta' konvenuta fi stat ta' kontumaċja.

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tad-ditta attriċi datat dsatax (19) ta' Diċembru 2023, u l-affidavit ta' **Konrad Grech** anness miegħu a fol 5 tal-proċess;

7. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru 2023 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tlieta, disgħa (9) ta' Jannar 2024, b'ordni lis-soċjeta' intimata sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

8. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2024;

9. Reġgħet rat illi, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2024, il-Qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-Avukat difensur tas-soċjeta' konvenuta,

dehrilha illi s-soċjeta’ konvenuta għandha difiża x’tagħmel għat-talbiet attriċi, u kkonċeditilha għoxrin (20) jum sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha;

10. Rat illi, waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta’ Marzu 2024, is-soċjeta’ konvenuta informat lill-Qorti illi ma daħħlitx risposta in vista ta’ diffikultajiet finanzjarji, tant illi kienu għaddejjin proċeduri ta’ stralċ tal-istess soċjeta’, u s-soċjeta’ konvenuta ġiet dikjarata fi stat ta’ kontumaċja;

11. Rat l-affidavit ta’ **Konrad Grech** a fol 14 tal-proċess;

12. Rat illi, minkejja illi ġiet mogħtija terminu ta’ xahar żmien sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub skont il-liġi, is-soċjeta’ konvenuta naqset milli tippreżenta nota ta’ sottomissjonijiet;

13. Rat illi s-soċjeta’ rikorrenti ddikjarat, waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta’ Ġunju 2024, illi kienet qed tirrimetti ruħha għal dak li jirriżulta mill-atti;

14. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

15. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

## Konsiderazzjonijiet Legali

16. Fl-ewwel lok, f’dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta’ attriċi, il-Qorti tirrileva illi l-kawża ma ġietx deċiża waqt is-seduta tas-sittax (16) ta’ Frar 2024, u cioe fl-ewwel seduta wara illi s-soċjeta’ konvenuta ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż ta’ smigħ, stante illi dehrilha illi s-soċjeta’ konvenuta kellha difiża x’tagħmel għat-talbiet attriċi. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti **sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tas-soċjeta’ attriċi**, stante illi tali talba ġiet evidentement sorvolata;

17. F’dak illi jirrigwarda **t-tieni talba** tas-soċjeta’ rikorrenti, il-Qorti tinnota illi l-ammont pretiż mis-soċjeta’ rikorrenti ġie konfermat bil-ġurament ta’ **Konrad Grech**, fiż-żewġ affidavits tiegħu, wieħed a fol 5 tal-proċess u l-ieħor a fol 14 tal-proċess;

18. Huwa minnu illi, fil-fehma tal-Qorti, is-soċjeta’ attriċi setgħet ressqet provi aktar konkreti tal-ammont minnha pretiż, bħal per eżempju kopji ta’ *statements* jew *invoices* illi jikkonfermaw is-somma minnha pretiża. Din il-Qorti rat illi fir-rikors ġuramentat ġie dikjarat illi kien qed jiġi anness mar-rikors *statement* immarkat bħala **Dok A**, iżda dan l-*istatement* ma jirriżultax mill-atti;

19. Din il-Qorti rat ukoll illi s-soċjeta’ intimata, minkejja illi kienet parteċipi f’din il-kawża, u cioe ngħatat il-possibilta’ tippreżenta risposta ġuramentata u anke nota ta’ sottomissjonijiet wara li ġiet dikjarat fi stat ta’ kontumaċja, fl-ebda punt ma kkontestat il-fatt illi kienu dovuti xi pagamenti lis-soċjeta’ rikorrenti, u/jew l-ammont pretiż mis-soċjeta’ rikorrenti. L-unika dikjarazzjoni li saret kienet illi s-soċjeta’ intimata għandha problemi finanzjarji, fatt illi din il-Qorti tirrikonoxxi iżda ma tqisx illi jista’ jnaqqas b’xi mod mill-obbligu tal-istess soċjeta’ intimata illi tħallas dak minnha dovut;

20. **Għaldaqstant <u>it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u sejra tintlaqa’;**

21. F’dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta’ attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F’kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

22. Huwa evidenti illi l-każ odjern si tratta ta’ obbligazzjoni ta’ xorta kummerċjali fit-termini tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta; iżda din il-Qorti rat illi, fin-nuqqas ta’ preżentata ta’ *statement*, ma nġabet l-ebda prova tad-dati illi fihom ġew reżi s-servizzi, b’dana għalhekk illi din il-Qorti qiegħda fl-impossibilta’ illi tidentifika xi data/i partikolari illi fiha kellhom isiru l-ħlasijiet. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tikkonsidra d-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat bħala d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet legali għal kull ammont dovut. Tali imgħaxijiet għandhom ikomplu hekk jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

23. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

(ii) **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba tas-soċjeta’ attriċi u tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lid-ditta KPMG rikorrenti s-somma minnha dovuta ta’ sita u għoxrin elf, erba’ mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€26,466.75), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz għal servizzi reżi lis-soċjeta’ konvenuta mid-ditta attriċi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru intavolat kontestwalment mal-kawża odjerna, a karigu tas-soċjeta’ intimata, u bl-imgħax legali mid-dsatax (19) ta’ Diċembru 2023, sad-data tal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**